# FI TRIQTHOM LEJN ID-DAR

Ghal xi hin wara li telqu mill-Katidral, Madame Meraut u uliedha t-tewmin tnikkru fit-triqthom lejn id-darhom, bla xejn ma taw kaz ta’ dak kollu li kien qed jigri madwarhom hlief l-armata franciza li kienet qed tirtira u l-invazjoni li kienet gejja fuqhom. Kull fejn thares ma kontx tara hlief follol jigru ‘l hawn u ‘l hemm. Xi whud kienu qed ifittxu li jaghlqu l-bibien tal-hwienet tan-negozju taghhom qabel ma jaslu l-Germanizi. Ohrajn jgorru t-trabi u sorror ta’ hwejjeg. Ohrajn inqdew b’xi karretta jew pramijiet. Ma naqsux ohrajn li ghabbew kemm setghu il-htigijiet taghhom fuq ir-rota u qadfu ‘l barra minn Rheims b’girja wahda. Kien hemm hafna ohrajn li ghabbew kemm felhu u kemm setghu jifilhu l-karrozzi taghhom biex saqu lejn inhawi aktar siguri.



Bibien infethu u thallew jitbandlu u jixxejru fuq ic-cappetti hekk kif in-nies harbu. Bla ma jharsu lura biex jaraw x'hallew warajhom. Dawn kienu refugjati minn Rheims. Kien hemm hafna ohrajn li kienu mexjin ghajjiena fil-belt, billi gew mill-Belgju u ibliet fuq il-funtiera Franciza. Sahansitra xi whud minnhom li gew mill-irzietet kienu qed isuqu quddiemhom il- baqar; ma naqsux klieb, tigieg u apparat tad-dar flimkien ma trabi u anzjani mghobbija fuq karrettuni ta' l-irzietet.



Fl-ahhar, ghajjenin u qalbhom bla hegga, Madame Mareaut u uliedha dahlu go triq fil-gemb fejn kien hemm hanut zghir ta' l-ikel. "Jehtieg li nieklu xi haga," qalet l-omm li uliedha. "Germanizi jew le! Wiehed ma jistax ikollu qalb b'sahhitha fuq stonku vojt. U jekk din ikollha tkun l-ahhar ikla f'Rheims Franciza, ejjew naghmluha

wahda tajba. Min jaf? Forsi wara ghada ma nkunu nistghu nieklu xejn hlief zalzett u kabbocci.!”

Il-hanut ma kienx wisq boghod mid-dar ta’ Madame Meraut u huma spiss kienu jixtru l-ikel minghand Madame Coudert li l-wicc tond taghha mghobbi b’nuccali tond kien qisu l- qamar kwinta’ wara shaba.

“Ah habiba tieghi,” sellmitilha Madame Meraut hekk dahlet fil-hanut, “haga sabieha li qed narak ghadek bilqieghda f’postok u mhux tigri ‘l barra qisek fenek tlebbet qabel il-klieb tal-kacca.”

Madame Coudert gholliet spallejha. “Imma x’jiswa’ li tahrab meta wiehed ma ghandux kenn? Nghid ghalija, jiena ser noqghod fil-hanut tieghi u jekk ghandi mmut, ta’ lanqas immut qalb il-kejkijiet u t-torti tieghi. Tahrab u tigri fil-kampanja biex tmut fl-ahhar go foss – dan ma jghoddx ghalija.”

“Tassew ilqat il-musmar fuq rasu,” ghajtet Madame Meraut b’ton rebbieh. “L-istess bhalma nahsibha jiena. Uliedi u jiena ser nibqghu id-dar u naraw x’jigri. Ahjar milli mit-tagen naqghu fin-nar kif hafna qed jaghmlu. Kieku kulhadd jahrab mnn Rheims, ma tibqax izjed Rheims.” U mbaghad qalet lil uliedha, “Azghlu t-tnejn li intom. X’ser nixtru ghal l-ikla ta’ filghaxija?”

Pierre wera’ b’subghajh kejk zghir bil-gelu roza. “Dak,” qal fil-qosor.

Ommu tbissmet. “Ah Pierre kemm thobbu l-helu!” qaltlu ommu. “Bhal Marie Antoinette tahsibha inti: jekk wiehed jonqsu l-hobz, jista jiekol il-kejkijiet. U issa inti Pierrette.Ghaggel ghax sar il-hin. Diga tard.”

“Bajd, biex taghmilli wahda minn dawk il-frejjeg tajbin u bicca gobon, mama,” talbet Pierrette.

Xtraw u wara li sellmu lil Madame Coudert, haffu l-passi taghhom lejn id-dar li kienet f’Rue Charly. Meta dahlu d-dar ga kien dalam.

Qaflet il-bieb u f’kemm ili nghidlek, kebbset in-nar u l-froga bdiet tinqela fuq l-ispiritiera.

Kienet Pierrette li armat il-mejda ghal l-iel. “Ser impoggi s-siggu ta’ missieri ukoll, qalet lilommha. “Bla budju qed jiftakar fina bhalma ahna qeghdin fih.”

Madame Meraut baxxiet rasha minghajr ma tkellmet biex turi li approvat dak li qalet Pierrette u meshet ghajnejha fil-fardal hekk kif hija zerzqet il-froga fil-platt. Imbaghad poggiet bilqieghda quddiem is-siggu vojt u flimkien ghamlu t-talba ta’ qabel l-ikel.

Meta spiicaw mill-ikel u zbarazzaw kollox u rat li kien hemm l-ordni fil-kcina, Madame Meraut harset lejn l-arlogg. “Hemm ahna,” qalet. “Suppost li ilkom li mortu torqdu u ghadhom hawn imqajma qiskom zewg barbagani zghar. Isaw ghas-sodda bla dewmin.”

“Imma ma,” qal Pierre.

“Ma irridx nisma’ kelma wahda,” wissietu ommu. “Ghal fuq.”

It-tfal kienu jafu li ghalxejn jipprotestaw u fi ftit minuti kienu fis-sodda taht il-friex.

Madame Meraut tefghet rasha fuq il-medja u wara li



hassietha ghajjiena mill-hsibijiet ta’ ansejta’ u dulur, hija wkoll marret torqod, imma mhux qabel ma qalet ir-Ruzarju. Tfiet ix-xema u fid-dlam tal-kamra ma damiet biex raqdet.

Is-Silenzju u d-dlam striehu fuq darhom u

ghal ftit, id-dieqa taghhom intnesiet meta ntilfu fl-irqad.